# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 8 ta' Novembru, 2024**

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 37/2022 ISB**

**Av Joseph Mizzi bħala mandatarju speċjali ta' Anya Schmidt, detentriċi tal-passaport Ġermaniż bin-numru C23JNVNFW, bħala diretriċi u azzjonista tas-soċjetajiet Humectant Holdings Limited (C93097) u Humectant Organics (C93099)**

**Vs**

**Humectant Holdings Limited (C 93097)**

**U**

**Humectant Organics Limited (C 93099)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tal-**Avukat Dr Joseph Mizzi noe,** intavolat fl-24 ta' Marzu 2022, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara li l-kumpaniji intimati Humectant Holdings Limited (C-93097) u Humectant Organics Limited (C-93099) kellhom n-negozju taghhom sospiz ghal perjodu bla waqfien ta' aktar minn erbgha u ghoxrin (24) xahar a tenur tal-artikolu 214(2)(a)(i) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew li in vista tal-kolass tar-relazzjoni ta' bejn id-diretturi u l-azzjonisti tal-kumpaniji intimati jezistu ragunijiet gravi bizzejjed biex jiggustifikaw ix-xoljiment u l-istralc konsegwenti tal-istess kumpaniji a tenur tal-artikolu 214(2)(b)(iii);*

2. *Konsegwentament tordna x-xoljiment u l-istralc konsegwenti tal-imsemmija kumpaniji intimati skond l-artikolu 218 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Taghti kull provvediment jew ordni iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun, fosthom li tordna li jigi appuntant amminstratur provvizorju jew ir-ricevitur ufficjali sabiex jiehdu hsieb l-amministrazzjoni tal-kumpaniji intimate sad-decizjoni finali.*

U dan wara li ppremetta:

*Illi l-esponenti hija diretrici u azzjonista tas-socjeta Humectant Holdings Limited li hija holding company li giet ikkostitwita u registrata bhala kumpanija ta' responsabbilta' limitata fit- 2 ta' Settembru 2019 bin numru ta registrazzjoni C 93097;*

*Illi l-imsemmija kumpanija intimata Humectant Holdings Limited twaqqfet minn zewg azzjonisti, cioe l-esponenti Anya Schmidt li ghandha seba mija u ghoxrin (720) sehem fiha bil-valur nominali ta' Ewro (€1) kull sehem, u s-sur Manfredi Mercadante, dententur ta' Passaport Taljan bin-numru YA8966101, li ghandu erba mija u tmenin (480) sehem bil-valur nominali ta' Ewro (€1) kull sehem, hekk kif jirrizulta mill-istatut tal-kumpannija hawn anness u mmarkat bhala Dok A;*

*Illi l-esponenti hija ukoll diretrici u azzjonista tas-socjeta Humectant Organics Limited li hija trading company li giet ikkostitwita u registrata bhala kumpanija ta' responsabbilta' limitata fit-8 ta' Ottobru 2019 bin numru ta registrazzjoni C 93099;*

*Illi l-ismha tal-kumpanija intimata Humectant Organics Limited huma mizmuma minn zewg azzjonisti; elf mija u disgha u disghin (1199) sehem bil-valur nominali ta' Ewro (€1) li huma mizmuma mill-kumpanija intimata Humectant Holdings Limited u sehem wiehed (1) bil-valur nominali ta' Ewro (€1) huwa mizmum mill-esponenti Anya Schmidt, hekk kif jirrizulta mill-istatut tal-kumpannija hawn anness u mmarkat bhala Dok B;*

*Illi mid-dati tal-inkorporazzjoni rispettivi, l-kumpaniji intimati baqghu inattivi u ma ghamlu ebda negozzju, u ghalhekk in-negozzju taghhom baqa sospiz ghal perjodu bla waqfien ta' iktar minn erbgha u ghoxrin (24) xahar;*

*Illi dan il-fatt jaghti lok biex kumpanija tkun tista' tigi xolta u stralcjata mill-qorti a tenur tal-artikolu 214(2)(a)(i) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi inoltre, id-direttur u l-azzjonist l-iehor, Manfredi Mercadante, abbanduna kompletament id-dmirijiet tieghu ta' direttur u azzjonist tal-kumpaniji intimati u qed jirrifjuta li jikkomunika mas-sinjura*

*Anya Schmidt sabiex dawn ikunu jistghu jippreparaw u jissottometu d-dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati kif mitlub mil-ligi, jew li tittiehed risoluzzjoni straordinarja sabiex il-kumpaniji intimati jkunu jistghu jigu xolti u stralcjati volontarjament u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet f'dan ir-rigward mibghuta ghan nom tal-esponeti Anya Schmidt (vide Dok C1 sa C3);*

*Illi in vista tal-kolass tar-relazzjoni li kienet tezisti bejn id-diretturi u l-azzjonisti tal-kumpaniji intimati, il-fatt li l-kumpanniji fallew ghal kollox fl-iskop ewlieni taghhom, u r-rifjut kontinwu tad-direttur u azzjonist Manfredi Mercadante li jikommunika mal-azzjonista u d-diretrici Anya Schmidt sabiex jigu sottomessi d-dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati jikkostitwixxu ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpanija mill-qorti a tenur tal-artikolu 214(2)(b)(iii).*

*Illi ghalhekk jezistu l-estremi sabiex din il-Qorti, a tenur tal-artikolu 218 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-istralc tal-kumpaniji intimati skond il-ligi.*

Rat id-**dokumenti** li kienu ppreżentati mar-rikors (Dok A sa Dok C) (fol 4 sa fol 54).

Rat id-**digriet** tagħha tad-29 ta' Marzu 2022, permezz ta' liema r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-23 ta' Mejju 2022 fil-11:15am.

Rat illi fl-udjenza tad-29 ta' Marzu 2023 il-Qorti innotat illi s-soċjetajiet intimat ġew debitament notifikati imma naqsu milli jippreżentaw risposta fil-perjodu preskritt u għaldaqstant qieset liż-żewġ socjetajiet intimati fl-istat ta' kontumaċja.

Rat illi fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 2024, ir-rikorrent noe ppreżenta nota (fol 82) b'affidavit ta' **Anya Schmidt** b'dokumenti annessi (fol 83 sa fol 90). Rat ukoll id-dikjarazzjoni tar-rikorrent noe li ma kellux aktar provi x'jipproduċi.

Rat li fl-udjenza tas-6 ta' Mejju 2024, il-Qorti ħalliet il-kawża għall-udjenza ta' llum għad-deċiżjoni.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluż mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirrizulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mir-rikorrenti *ai termini* tal-Artikoli **214(2)(a)(i) u/jew 214(2)(b)(iii) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Illi r-rikorrenti hija direttriċi u azzjonista tas-soċjeta' intimata Humectant Holdings Limited hi hija *holding company* li ġiet kostitwita u reġistrata bħala kumpanija ta' responsabbilita limitata fit-2 ta' Settembru 2019 bin-numru ta' reġistrazzjoni C 93097 li twaqqfet minnha flimkien ma' azzjonist ieħor, kif ukoll tas-soċjeta' intimata Humectant Organics Limited li hija *trading company* li ġiet kostitwita u reġistrata bħala kumpanija ta' responsabbilita limitata fit-8 ta' Ottubru 2019 bin-numru ta' reġistrazzjoni C 93099 u li tappartjeni lil Humectant Holdings Limited u lir-rikorrenti.

Tispjega li l-kumpaniji intimata qatt ma nnegozjaw u dejjem baqgħu inattivi u għalhekk ilhom f'dan l-istat ta' inattivita` għal aktar minn erbgħa u għoxrin (24) xahar.

Oltre` minn hekk, issostni li d-direttur u l-azzjonist l-ieħor Manfredi Mercadante abbanduna kompletament id-drimirijiet tiegħu fil-konfront tal-kumpanija u qed jirrifjuta li jikkomunika mar-rikorrenti sabiex il-kumpaniji jkunu jistgħu jiġu xjolti.

Għalhekk issostni li l-kumpaniji intimati jistgħu jiġu xjolti b'ordni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 214(2)(a)(i) u/jew l-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

### Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi fl-affidavit tagħha **Anya Schmidt** tgħid li hi tokkupa l-pozizzjoni ta' direttur fiż-żewġ kumpanija intimati u hija wkoll azzjonista tal-istess żewġ kumpaniji.

Tispjega li f'Lulju 2019 hi ddeċidiet li tmur wara l-ħolma tagħha u tibda negozju ta' prodotti tal-ġilda naturali. Tgħid li dan beda minħabba li hi kienet tbagħti mill-kundizzjoni tal-ġilda msejjħa *dermatitis* u sabet li l-prodotti li ħolqot hi kienu jaħdmu ferm aktar mill-prodotti fis-suq. Tgħid li l-kumpanija semmieta *humectant* li hija sustanza li tgħin żżomm il-ġilda milli tinxef. Tgħid li wara li sabet l-isem, ħadmet fuq *logo* u anke rreġistrat l-propjeta` intelletwali mal-EUIPO.

Tispjega li qasmet l-idea tagħha ma' Manfredi Mercadante li ried sehem attiv fil-kumpanija u li kien ħa jgħinha tkabbar ix-xtieli li riedet fi Sqallija kif ukoll tbigħ il-prodott tagħha. Tgħid li hu kien wegħda li jħallas erbgħin fil-mija (40%) tal-ispejjeż jekk ikollu erbgħin fil-mija (40%) tal-kumpanija.

Tgħid li minn hemm għamlu kuntatt ma' Martin Haemmer sabiex jistabilixxu l-kumpanija u meta ġew il-kontijiet Manfredi Mercadante sabiex ma jħallasx l-erbgħin fil-mija (40%) tal-ispejjeż u għalhekk ħallset kollox hi.

Tispjega li sussegwentament ġew Malta sabiex iffurmaw il-kumpaniji u b'hekk Humectant Holdings Limited (C-93097) ġiet inkorporata fit-2 ta' Settembru 2019 u Humectant Organics Limited (C-93099) ġiet inkorporata fit-8 ta' Ottubru 2019.

Tgħid li ladarba l-kumpaniji kienu stabbiliti kien hemm bżonn servizzi ta' *Accountant* kif ukoll indirizz ta' reġistrazzjoni u għal darb'oħra ħallset kollox hi. Issostni li ħallset ukoll l-ispejjeż sabiex ġie żviluppat il-prodott, biex ġie prodott kif ukoll spejjeż biex inħareġ fuq is-suq. Tispjega li ladarba Manfredi Mercadante ma ħallas l-ebda parti mill-ispejjeż irrealizzat li ma kellu ebda intenzjoni li jżomm kelmtu u għalhekk iddeċidiet li ma tibqax f'negozju miegħu. Issostni li saret taf li kien frodist u kien gideb fuq il-kredenzjali tiegħu.

Tgħid li tkellmet ma' Manfredi Mercadante u flimkien ftehmu li jxolju l-kumpaniji. Issostni li bħala riżultat ta' dan kollu l-kumpaniji qatt m'għamlu negozju u ilhom ma joperaw għal aktar minn erbgħa u għoxrin (24) xahar.

Tispjega li meta ġew biex ixolju l-kumpanija kien hemm diversi azzjonijiet li riedu jittieħdu u minn naħa tagħha lestiet ix-xogħol kollu, a spejjeż tagħha, iżda meta ġew biex jikkonkludu Manfredi Mercadante rrifjuta li jiffirma d-dokumenti, u dan minkejja diversi tentattivi.

Tgħid li fiċ-ċirkostanzi ma kellha ebda għażla ħlief li tirrikorri għall-proċedura odjerna sabiex tikkonkludi dan il-kapitolu u tkompli ħajjitha.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**L-Art. 218(1)(b) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

Din id-dispożizzjoni tipprovdi illi kreditur jista' jressaq talba għall-istralċ ta' kumpanija *ai termini* tal-Artiklu 214(2)(a)(ii) :

*218. (1) Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal –*

*(a) stralċ ta' kumpannija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*

*(b) xoljiment u stralċ ta' kumpannija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*

*(ċ) xoljiment u stralċ ta' kumpannija skont l-artikolu 214(2)(b),*

*għandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpannija wara deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni*, kreditur jew kredituri, ***<u>jew minn xi kontributorju jew kontributorji</u>****:*

*Iżda rikors skont il-paragrafi (b) jew (ċ) jista' wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpannija*

Ma jirriżulta ebda dubju f'moħħ din il-Qorti illi r-rikorrenti hija azzjonisti tas-soċjetà intimata.

L-azzjoni attrici hija bbażata fuq **l-Art. 214(2)(a)(i) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid testwalment is-segwenti:

> *(a) kumpanija tista' xxolji u tkun stralċjata mill-qorti fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:*
>
> *(i) jekk in-negozju tal-kumpanija jkun sospiż għal perjodu bla waqfien ta' erbgħa u għoxrin xahar;*

Illi, isegwi għalhekk li *ai termini* tal-Artikolu 214(2)(a)(i), l-element li jrid jiġi ppruvat hu illi l-kumpanija għaddiet minn perjodu ta' almenu erbgħa u għoxrin (24) xahar bin-negozju sospiż.

Il-Qrati tagħna ġja' kellhom opportunità jesprimu ruħhom dwar dan.

Ingħad:

> *Ir-rekwizit tad-disposizzjoni huwa s-sospensjoni tan-negozju tal-kumpannija għal perijodu bla waqfien ta` erbgha u ghoxrin (24) xahar. Ir-rekwizit huwa materja ta` fatt.*[1]

Mill-provi prodotti kif hawn fuq esposti in sinteżi, huwa ċar li n-negozju tal-kumpaniji ilu wieqaf u li saħansitra lanqas biss qatt operaw, hekk kif ikkonfermat mid-direttur u l-azzjonista, ir-rikorrenti nnifisha. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi dan ir-rekwiżit, b'mod fattwali, ġie ppruvat.

**Aċċertat għalhekk illi jirriżultaw ippruvati r-rekwiżiti tal-Art 214(2)(a)(i), il-Qorti ma ssibx diffikultà tuża u teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tordna x-xoljiment u l-istralċ tal-kumpaniji intimati Humectant Holdings Limited u Humectant Organics Limited a bazi ta' dan.**

[1] 70/2020JZM Nasell Aviation Ltd vs X u 26/2019JZM Ruben J. Bajada vs Grifo Malta Ltd it-tnejn decizi 25.02.2021

**In vista tas-suespost, u ladarba jeżistu l-elementi rikjesti mil-liġi sabiex din il-Qorti tordna x-xoljiment u l-istralċ tal-kumpanija intimata taħt l-Artikolu 214(2)(a)(i), din il-Qorti mhix serja teżamina jekk jeżistux r-rekwiżiti tal-Artikolu 214(2)(b)(iii).**

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati, jidhrilha illi ġew sodisfatti l-voti tal-liġi sabiex tkun tista' tgħaddi biex takkolja t-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont tal-assjem ta' fatti u ċirkostanzi li jirriżultaha l-Qorti, din il-Qorti qegħda:

1. **Tilqa' l-ewwel t-talba u tiddikjara** illi *ai termini* tal-Artikolu 214(2)(a)(i) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kumpaniji intimati **Humectant Holdings Limited u Humectant Organics Limited** ilhom iktar minn erbgħa u għoxrin xahar ma joperaw u għalhekk hija gustifikata t-talba għax-xoljiment.

2. **Tordna** x-xoljiment u l-istralċ tas-soċjetajiet intimati **Humectant Holdings Limited (C 93097) u Humectant Organics Limited (C 93099)** u dana b'effett mill-24 ta' Marzu 2022 ai termini tal-Artikolu 223(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. **Tinnomina u taħtar stralċjarju** tas-soċjetajiet **Humectant Holdings Limited (C 93097) u Humectant Organics Limited (C 93099)** lir-**Riċevitur Uffiċjali** u tagħti lill-istralċarju s-setgħat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fosthom illi:

   a) Wara li tikseb dikjarazzjoni dwar il-qagħda tal-kumpannija de quo, *ai termini* tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, tħejji rapport lill-Qorti *ai termini* tal-Artiklu 227 tal-istess KAP 386,

b) Tagħmel il-verifiki kollha neċessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpaniji *de quo* u jekk ikun il-każ, tirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

c) Tieħu taħt il-kustodja u l-kontroll tagħha kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpaniji **Humectant Holdings Limited (C 93097) u Humectant Organics Limited (C 93099)** jista' għandhom, u dan *ai termini* tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

d) Tagħmel u Tiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proċeduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpaniji *de quo*.

e) Tirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpanija jista' għandhom,

4. **Tordna** lill-istralċjarju sabiex tippreżenta rapport tal-ħidma tagħha sa qabel l-udjenza li jmiss.

5. **Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju, għandhom jitħallsu mir-rikorrenti.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta' din id-deċiżjoni lir-<u>Riċevitur Uffiċjali</u> u lir-<u>Reġistratur tal-Kumpanniji</u>.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**